

Brussell, 21 ta' Frar 2022  
(OR. en)

6395/22

SOC 91  
EMPL 57  
SAN 104

#### NOTA PUNT "A"

---

|                  |  |
|------------------|--|
| minn:            | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)  |
| lil:             | Kunsill  |
| Nru. dok. preċ.: | 6086/1/22 REV 1  |
| Suġġett:         | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol |

---

1. Il-mandat tal-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, ser jiskadi fit-28 ta' Frar 2022.
2. Skont l-Artikoli 3 u 4 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/C 218/01 tat-22 ta' Lulju 2003 dwar l-istabbiliment ta' Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, il-membri u l-membri supplenti jinħatru mill-Kunsill għal perijodu ta' tliet snin.
3. Il-listi tan-nomini tal-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza mġedded dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, li kienu waslu għand is-Segretarjat tal-Kunsill sas-16 ta' Frar, dehru fl-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill fid-dok. 5379/1/22 REV 1.

4. Qabel il-laqgħa tal-Coreper tas-16 ta' Frar 2022, id-delegazzjonijiet ġew mgħarrfa li l-lista tal-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza mġedded kienet ser tkun soġġetta għal żidiet possibbli. Fis-16 ta' Frar, il-Coreper qabel li jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta d-deċiżjoni, bil-fehim li jistgħu jiżdiedu aktar ismijiet qabel il-laqgħa tal-Kunsill.
5. Il-listi aġġornati tan-nomini tal-Kumitat ta' Konsulenza mġedded dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol li waslu għand is-Segretarjat tal-Kunsill jinsabu fid-dok. 5379/2/22 REV 2.
6. Il-Kunsill huwa għalhekk mistieden:
  - (a) jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill doc.5379/2/22 REV 2 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, bħala punt "A", u
  - (b) jiddeċiedi li jippubblika d-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.